# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-15 ta' Jannar, 2025

Avviz tat-Talba numru:: 101/2022 CL

**Citadel Insurance p.l.c Ltd (C21550)kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Pierre Cassar u l-istess Pierre Cassar**

**VERSUS**

**Kunsill Lokali Hal-Qormi u Rockcut Limited (C10164)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fil-11 ta' April 2022 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenuti, fejn talbet li jigu ddikjarati responsabbli u ikkundanti jhallsu ghad-danni sofferti mill-atturi, li jammonta ghall-elf tlett mija u sitta u sebghin euro u erbatax-il centezmu (€1,376.14) konsistenti minn €55 excess imhallsa mill-attur Pierre Cassar, u (€1,321.14) mhallsa mis-socjeta attrici, minhabba negligenza u/jew non kuranza fiz-zamma u manutenzjoni tat-triq u negligenza waqt illi kien ghaddej ix-xogholijiet. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali nru 1069/2019 u 664/2021 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. Fit-22 ta' Awwissu 2018, waqt illi sid il-vettura Pierre Cassar kien ghaddej bil-vettura bin-numru PNC196 minn Triq il-Wied, Qormi garrab hsarat, fejn ghalkemm kienu qeghdin jsiru xi xogholijiet f'parti ta' din it-triq, ma kien hemm ebda tabelli biex jaghfru l-pubbliku. Illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-manutenzjoni ta' din it-triq u ghax-xogholijiet mwettqa u l-prekawzjonijiet li kellhom jittiehdu ghall-harsien tas-sewwieqa u ghalhekk ghandhom jirrispondu ghad-danni.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali Hal-Qormi fejn iddikjaraw illi il-kunsill ma huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident u danni konsegwenzali, huma r-rikorrenti li jridu jgibu l-prova tad-danni u li dawn kienu r-rizultat dirett tal-allegat incident. Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra r-risposta tas-socjeta Rockcut Ltd, fejn preliminarjament is-socjeta konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradditur stante li x-xogholijiet fi Triq il-Wied, Qormi kienu xogholijet tal-Kunsill Lokali, Qormi u ghalhekk kellha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju. Illi fil-mertu, ma kkagunat ebda

danni u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda. Salv eccezzjonjiet ohra.

Fit-28 ta' Settembru 2022 xehed Jonathan Gatt li huwa legal officer ma' Citadel Insurance fejn qal illi l-vettura bin-numru PNC196, hija assikurata ma' Citadel Insurance fuq bazi comprehensive u Pierre Cassar, sid il-vettura kien fetah claim rigward hsarat fejn hallas €55 excess u Citadel halset l-ammont ta' €1376.14 ghal parts u tiswijiet. Hu ikkonferma l-ircevuti relattivi immarkati Dok C u Dok D[1].Ipprezenta ukoll hames ittri li kienu bghatu lil Kunsill u lil Rockcut Ltd, li tnejn minnhom kienu zewg ittri ufficjali li intbghatu fejn ircevew biss risposta wahda minghand il-kunsill lokali Dok JG1. Xehed ukoll Pierre Cassar sid il-vettura Volvo XC60 bin-numru PNC 196 li fit-22 ta' Awwissu 2018, kien ghaddej minn Triq il-Wied, Qormi ghal habta tad-9.00am. Kienet nielza hafna xita u kien ghaddej bil-mod u r-rota tan-naha tal-lemin nizlet fit-trinka. X'hin bda jirriversja biex jinqala' u beda jsuq beda jisma l-materjal jtir minn mar-rota ghal genb tal-karozza u meta wasal ix-xoghol haseb li kien tajn li kien jinhasel. L-ghada hasel il-karozza u l-materjal mar izda baqghet teba' fuq il-karozza u induna li kien hemm tbajja mal-genb tal-karozza, iz-zewg bibien, mudguards ta' quddiem u ta' wara u mal-arch wheel panels, kollha fl-istess naha tax-xufier u induna li dan kien tip ta' cement li juzaw il-kuntratturi biex jordmu t-trinek li ma kienx lahaq nixef. Hu mar jixtri l-polish specjali ghax haseb li kien jmur bil-polish izda meta ma marx lanqas, fid-19 ta' Awwissu 2018, mar jiehu zewg ritratti tal-post fejn sehh l-incident li gew ipprezenta u mmarkati Dok PC1 u PC2. Ma kien hemm ebda sinjal fit-triq li kienu ghaddejjin xogholijiet u ma setax jiehu ritratti dak il-hin ghax kienet niezla x-xita. Hu gharaf l-materjal ghax parti minn xogholu mal-water services huwa fuq dan it-tip tax-xoghol. Hu kien mar jaghmel rapport l-ghassa ta' Hal-Qormi xi gimgha wara l-incident mmarkat Dok A[2] minhabba fil-claim u kien cempel lil kunsill lokali Hal-Qormi biex jara min kien il-kuntrattur u b'hekk sar jaf li kienu Rockcut Ltd. Fil-kontro ezami ikkonferma illi fiz-zmien tal-incident hu kien manager fir-regjun tas-south mal WSC u ma kienx jaf il-progetti kollha li setghu kienu ghaddejin, izda cahad illi x-xogholijet kienu parti minn progett tal-WSC ghax sa fejn kien jaf hu kien progett tal-Kunsill Lokali. Ikkonferma li kienu qeghdin jsiru xogholijiet tal-WSC. Hu ma kienx jghaddi minn din it-triq ta' spiss, kien ghadda xi tlett xhur qabel. Ikkonferma illi it-tbajja mal-karozza kienu minhabba materjal imwahhal mal-karozza u mhux grief li ma kienux biss mar-running board izda mal-bibien ukoll. Hu immarka f'tlett postijiet bl-ahmar fuq ir-ritratt Dok PC1 fejn tidher il-hsara li mhux vertikali. Dak in-nhar tal-incident kienet nizla hafna xita u ma gietux f'rasu li jiccekja meta wasal ix-xoghol, u innuta t-titjir xi jumejn wara. Meta rahom hasel il-karozza ghax haseb li ha jmorru izda ma marux u ipprova jaghmlu bil-polish u ma marx u b'hekk ha ritratt xi gimgha wara. Hu dahal fit-triq ghax

[1] Foll 39 u 40
[2] Foll 29

ma kien jaf li kien hemm xogholijiet u ma kienx hemm ebda sinjal biex ma jidhlux karozzi u kien hemm hafna ilma.

Fit-2 ta' Novembru 2022, xehed Natalino Agius, li huwa assesur independenti imma kien jaghmel xoghol ghal Citadel Insurance. Hu ikkonferma ir-rapport tieghu a foll. 32 u r-ritratti a foll-33 et seq wara survey li sar fit-13 ta' Novembru 2018 fuq vettura Volvo bin-numru PNC196 fejn sab hsarat ta' grief minn titjir fuq iz-zebgha minn quddiem wara r-rota sa wara tal-lemin tal-vettura. Il-hsarat kienu jaqblu ma dak li kien qal is-sid ghax il-grief kien vertikali. Fil-25 ta' Jannar 2023 xehed il-Perit Joslynn Cachia, li kien qieghed jsegwi x-xogholijiet f'Wied Hal-Qormi f'Awwissu 2018 ghal Water Services u immarka b'circu fuq il-pjanta Dok JMC1 , fejn kien qieghed jsir ix-xoghol tat-trinek biex jbidlu l-mains tal-ilma fit-Triq il-Wied u Triq il-Hammieri f'Hal-Qormi li huwa l-istess lok li jidher fir-ritratt a foll-27.Dawn it-trinek imbaghad jigu mimlija mill-Kunsill Lokali. Huma kienu gew avvicinati mill-Kunsill Lokali Hal Qormi ghan-nom ta' Rockcut Ltd u ipprezenta e mails immarkati Dok JMC2, letter of acceptance u invoice Dok JMC3 u JMC4. Fir-ritratt a foll. 26 jidher li x-xoghol minn naha tal-WSC kien tlesta u it-triq ma kinitx fi stat tajba u ma jidhrix li hemm tabelli li kienu qeghdin jsiru xogholijet u biex javzaw lil sewwieqa biex jnaqqsu l-velocita'. Wayne Rooney Borg ikkonferma li kien l-pulizija li kien ha r-rapport ta' Pierre Cassar fil-31 ta' Awwissu 2018, li jinsab a foll 29, li kien irraporta li fit-22 ta' Awwissu 2018, kien ghaddej fit-Triq il-Wied, Qormi ir-rota tal-lemin kienet nizlet go parti fit-triq fejn kienu qeghdin jsiru xi xogholijiet u l-materjal li kien frisk spicca fuq il-genb tal-vettura tieghu. Hu kien ra l-hsara fuq il-vettura biex jivverifika fir-rapport, izda ma setax jivverifika li kienu qeghdin jsiru x-xogholijiet fil-post ghax kien mar jirraporta wara disat ijiem. Fit-22 ta' Marzu 2023 xehed Amir Basili li jahdem ma' Gasan Zammit Motors li ikkonferma l-invoice li jinsab a foll.40 li huwa ghax-xogholijiet ta' spray fuq il-lemin tal-vettura PNC196 ta' Pierre Cassar u li dan l-invoice kien thallas. Fis-17 ta' April 2023 xehed Mark Anthony Cardona ghal Transport Malta illi mir-ricerka li ghamel ma kienx sab applikazzjoni mill-Kunsill Lokali Qormi jew Rockcut Limited biex jsiru x-xogholijet fit-toroq indikati.B'referenza ghar-ritratt a foll. 27 la darba sar intervent fit-triq kellu jkun hemm permess ta' Transport Malta. Hu kien ghamel ricerka dwar permessi f'Hal-Qormi li inhargu fuq Rockcut Ltd imma ma kellux id-dati MAC1. B'referenza ghal permess bin-numru RWK1759/18, dan jidher li inhareg fuq zewg toroq, Triq H'Attard u Triq il-Hlas, izda ma kienx jaf jekk kienux vicin il-wied. Fis-seduta ssusegwenti qal illi mir-ricerka fuq il-permess seta' jikkonferma li ma kienx l-istess lokazzjoni u x-xogholijiet kienu differenti mix-xogholijiet li jidher fir-ritratt. Ir-ritratt jindika z-zona rurali fejn ma jkunx jidher ezatt fejn tibda u tispicca t-triq. MIr-ritratt jidher illi ghal dan ix-xoghol kellha ssir applikazzjoni mat-Transport Malta, izda irrizulta illi ma kienx hemm applikazzjoni. F'kaz illi ssir xi rapport lill-Awtorita' li kien hemm ix-xogholijiet ghadejjin u f'kaz illi jirrizulta illi saru minghajr permess l-Awtorita tista' tiehu azzjoni, izda hu

m'ghamilx verifiki biex jara jekk kienx hemm ilment. Ikkonferma li l-pjanta ezebita a foll.67 kienet tindika it-Triq tal-Hammieri, fil-wied ta' Hal-Qormi u x-xogholijiet li kienet saret applikazzjoni ghaliha fl-2018 ma kienx jidher fil-pjanta. It-triq indikata hija l-istess triq li hija indikata fir-ritratt a foll.27.

Karen Camilleri li hija segretarjau ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Hal-Qormi xehdet illi kien hareg tender ghar-resurfacing tat-toroq rurali fl-2018 u kienet intrebhet minn Rockcuts Ltd u x-xogholijiet kellhom jibdew f'Lulju 2018. Fid-dokumenti tat-tenders u general conditions of contract, il-kuntrattur huwa responsabbli biex japplika ghal permessi minghand l-awtoritajiet u li jkollu polza ta' assikurazzjoni u huwa responsabbli ukoll ghal road closures, health and safety u signage waqt li jkunu ghadejjin ix-xogholijiet. Ipprezentat Dok KC1 submissions of e tender document, fejn klawsola mmarkata 11.4 jispecifika r-responsabilita' tal-kuntrattur, u 11.7 tghid illi l-kuntrattur huwa responsabbli ghad-danni ikkawzati minnu jew sub contractors, 22.4 huwa dwar road closures u 70.1 huwa dwar signage. Ipprezentat dokument Contract works liabilility Dok KC2. Mill-istharrig li ghamlet jidher li Rockcut ma kellux il-permessi tat-Transport Malta ghat-trenching li kienet responsabilita taghhom u ipprezentat Dok KC3. Il-Water Services kienu avvicinaw il-kunsill biex jaghmlu tibdil fil-mains peress illi kienu ser jaghmlu concrete works fit-triq il-Wied u kienu ghamlu kuntatt mal-kuntrattur. Ikkonfermat illi Pierre Cassar kien jahdem mal Water Services imma ma deherilhiex illi kien involut f'dan il-progett. B'referenza ghar-ritratt a foll.27 spjegat illi din hija t-trejqa ta' Triq il-Hammieri maghrufa bhala Triq il-Bonc li taghti ghal Triq il-Wied li hija triq fil-kampanja u x-xogholijiet kienu concrete works ghax hot asfalt ma jistax jintuza. Fil-kontro ezami tghid illi kienet fitxet biex tara kienx hemm permess izda ma irrizultax. Il-kunsill kienu iffirmaw kuntratt ma' Rockcuts Ltd u kien progett funded mill-EU u kienu restritti fiz-zmien. Ix-xogholijiet bdew wara l-ahhar ta' Gunju 2018 u kienu ghadhom ghaddejjin f'Settembru 2018 ghax kienet bghatet xi e mail lil kuntrattur izda mhux fuq it-Triq il-Wied. Il-perit tal-kunsill Rebecca Grech kienet marret diversi drabi on site. Gew ipprezentati l-kuntratt bejn il-Kunsill Lokali u Rockcut Ltd inkluz special conditions, general conditions u t-tender li jifforaw parti mill-istess kuntratt.[3]

Ra l-affidavit ta' Rhys Buttigieg[4] li huwa operations manager mas-socjeta konvenuta, li ikkonferma illi fl-2018 Rockcut Ltd iffirmat kuntratt mal-Kunsill Lokali, Hal-Qormi ghar-resurfacing ta' diversi toroq li fosthom kien hemm Triq il-Hammieri u Triq il-Wied, Qormi. L-ufficju tal-Perit William Lewis kien responsabbli ghax-xoghol u kien hareg ic-certifikat ta' tlestija tax-xoghol. Ma jiftakarx id-dati meta bdew u spiccaw dawn ix-xogholijet ghax kien hhadda z-zmien, izda x-xoghol kellu jsir bil-konkos u mhux bl-asfalt. Hu l-irwol tieghu kien li jibghat il-konkos u l-haddiema on site,

[3] Foll. 134 -338
[4] Foll 345

ghalkemm mar ftit drabi. Jekk fit-22 ta' Awwissu 2018 kien qieghed jaghmel dulluvju tax-xita huwa impossibli li jkunu hadmu dakinhar ghax it-tqeghid tal-konkos jew asfalt ma jistax jsir fix-xita u wisq inqas f'kaz ta' dulluvju. Dan ghaliex f'kaz tal-konkos dan jinfaqa' bl-ilma ghax is-sahha tal-konkos ma jilhaqx il-grad tas-sahha mehtiega, filwaqt illi l-asfalt fix-xita jiksah malajr u ma jkunx jista' jigi compacted skond l-istandards tal-Awtorita' tat-Trasport. Apparti hekk, f'kaz illi jekk fit-testijiet jirrizulta li ma jlahqux il-grad mistenni, Rockcut Ltd tigi mgieghla taqla' x-xoghol u taghmlu mill-gdid u ghalhekk zgur ma kienux ser jihdu dan ir-riskju, Fil-fatt ix-xita hija wahda mir-ragunijiet validi sabiex jigi estiz iz-zmien ghal ezekuzzjoni tax-xoghol ghax fix-xita ma jistawx jsiru road works. Din il-hsara allegata minn Pierre Cassar tista' tirrizulta biss meta il-konkos jkun frisk u la ma sarux xogholijiet dakinhar zgur li ma jistax jghid li garrab il-hsarat minhabba fix-xogholijiet taghhom. Fit-tieni lok, meta jsiru dawn ix-xogholijiet jitpoggew barriers u sinjali u fil-kaz ta' full width resurfacing it-triq tigi maghluqa kompletament u l-barriers jitpoggew b'tali mod li jimblukkaw l-access u jitpoggew no entry signs. Mill-esperjenza tieghu mhux l-ewwel darba li s-sewwieqa jcaqalqu l-barriers u'jew jinjoraw no entry signs biex jghadu mit-triq. Kemm il-kuntrattur kif ukoll il-Kunsill setghu applikaw ghal permessi u f'dan il-kaz kellu japplika l-kunsill. Fil-kontro ezami cahad illi skond il-kuntratt bejn il-kunsill u Rockcuts Ltd kien Rockcuts Ltd li kellu japplika ghal permess. Dwar responsabilita' ghal talba ghad-danni waqt ix-xogholijiejt, hu qal illi r-responsabilita' taghhom kienet fejn jkunu qeghdin jahdmu u mhux fuq is-sit kollu. B'referenza ghal Foll 107 hu qal illi dak kien tender document u mhux il-kuntratt li gie iffirmat bejn il-partijiet. Dwar il-permess huwa jghid illi r-responsabilita' biex jgib il-permess hija tal-klijent u wara jinqalbu fuqu. Meta gie mitlub jaqra l-klawsola 11.17 huwa qal illi ma setax jmeri dik il-klawsola. Skond hu r-responsabilita' ghad-danni kienu shared bejn Rockcut Ltd u l-Kunsill. Hu kien sar jaf bl-incident ricenti u meta gie muri r-ritratt Dok PC1 foll.26 u jghid illi ma jafx li kien hemm nuqqas ta' tabelli jew li kien hemm materjal frisk ghax fir-ritratt ma jidhirx titjir ta' konkrit.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Din it-talba hija dwar hsara li garbet il-vettura ta' Pierre Cassar, merta kien ghaddej minn triq rurali f'Hal-Qormi, waqt illi kienet niezla hafna xita, ir-rota ta' quddiem tal-lemin nizlet go hofra. Hu irriversja u baqa' sejjer fit-triq. Jumejn wara meta hasel il-karrozza innota li kien hemm titjir tal-konkos u pprova jnehhija bil-polish. Meta din baqghet teba' hu mar jaghmel rapport. Skond hu it-titjir tal-konkos saru meta irriversja mit-toqba ghax il-konkos kien ghadu frisk, hu ha ritratti tat-triq gimgha wara fejn ma kienux jidhru sinjali sabiex ma jghaddux sewwieqa. Xehed is-surveyor illi t-tebghat kienu kompatibbli mat-titjir tal-concrete meta wiehed jirreversja u l-pulizija li kien ha r-rapport ikkonferma li kien ra t-tebghat fuq il-vettura meta Pierre Cassar mar jaghmel ir-rapport. Il-progett ghal resurfacing tat-

toroq kien qiegħed jsir mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi li kienu iffirmaw kuntratt ma' Rockcut Ltd. Gieipprezentat il-kuntratt u t-tender document fejn jidher illi Rockcut Ltd, li kienet responsabbli biex tapplika għal-permessi , ma kintix applikat għal-permessi fit-triq in kwistjoni u Rockcut Ltd kienet responsabbli għad-danni ta' terzi. Rockcut Ltd min-naħa tagħha qalet illi meta tagħmel ix-xita huma ma jagħmlux konkos għax ma jilħaqx il-livell tal-kwalita' u l-prassi kienet li l-kunsill kien japplika għal permessi u skond hu kienu t-tnejn responsabblii għal-danni.

Dan it-Tribunal ha jibda biex jikkonsidra l-ewwel eccezzjoni preliminajra tas-socjeta konvenuta li hi mhux il-legittima kontradittur għax ix-xogħolijiet kienu saru mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi. Mill-provi u dokumenti ezebiti jidher illi s-socjeta Rockcut Ltd kienet iffirmat kuntratt ta' xogħol mal-Kunsill Lokali għar-resurfacing tat-toroq f'Ħal-Qormi li kienu jinkludu Triq il-Ħammieri u Triq il-Wied u għalhekk din l-eccezzjoni qiegħda tigi michuda stante li s-socjeta attrici kienet gustifikata li fetħet il-kawza fil-konfront taz-zewg konvenuti. Mill-provi jidher car illi kienu għaddejin xogħolijiet fit-triq indikata u kien hemm t-tbajja fuq il-karozza li kien raħom ukoll il-pulizija meta ħa r-rapport, li kienu kompatibbli mat-titjir ta' tajn kif gie ikkonfermat mis-surveyor.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet u jiddikjara li Rockcut Ltd hija responsabbli għad-danni u tordna lil Rockcut Ltd sabiex tħallas is-somma ta' elf tlett mija u sitta u sebgħin euro u erbatax-il centezmu (€1,376.14) konsistenti minn €55 excess imħallsa mill-attur Pierre Cassar, u €1,321.14 lis-socjeta attrici Citadel Insurance plc flimkien mal-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-ittri ufficjali flimkiem ma' l-interessi mid-data tas-sentenza sal-ħlas effettiv.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**